# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 478/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MA**

**vs**

**SG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MA, datat 26 ta' Ottubru 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) t'April tas-sena elfejn u sitta (2006) (Dok A) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla.*

*Illi l-partijiet resqu ghal kuntratt ta' firda personali fl-atti tan-Nutar Dottor Sean Critien datat fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena kurrenti (Dok. B).*

*Illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba' snin mifrudin fattwalment.*

*Illi l-esponent jissottometti illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti mill-partijiet.*

*Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civli.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiexm fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi regiatrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata hija kontumaci (Vide fol 38);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimata sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art. 158(10), Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

**Ikkonsidrat;**

**MA** xehed permezz a fol 25 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-8 t'April 2006 u kienu ottjenew separazzjoni personali fil-21 ta' Marzu 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ghalkemm kien ilhom jghixu separatament sa minn Gunju tal-2013. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet tifla wahda. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' April 2006 (Vide Dok A fol3) u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Sean Critien, datat 21 ta' Marzu 2018 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) ghalkemm kienu ilhom jghixu separatament sa minn Gunju 2013;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi jirrizulta li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**